# BEATU ĠWANNI DUNS SKOTU (1266 - 1308)

## (Difensur Qalbieni ta' l-Immakulata)



**Qrib is-sena 1266:** Ġwanni Duns Skotu twieled ġewwa l-Iskozja.
**Fl-1278:** Ta' 13-il sena, beda jiffrekwenta Haddington school, skola mmexxija minn Franġiska
**Fl-1280:** Ta' 15-il sena, tlibbes iċ-ċoqqa franġiskana.
**Is-snin 1281 u 1291:** Kienu għal Skotu snin ta' preparazzjoni biex ikun Franġiskan u saċerdot.
**Bejn 1283 u 1287:** Mar Pariġi fejn studja x-xjenzi letterarji u l-filosofija.
**Fl-1287:** Skotu mar Northampton fl-Ingilterra fil-Kulleġġ franġiskan fejn ta' 20 sena waqt li hu nnifsu kien għadu jistudja, kien fdat jgħallem liż-żgħażagħ franġiskani.
**Lejn l-1289:** Intbagħat f'Oxford fejn studja t-teoloġija u beda jitħejja ħalli jsir saċerdot.
**Fis-17 ta' Marzu 1291:** Skotu, ta' 26 sena, ġie ordnat saċerdot fil-knisja ta' Sant' Andrija ta' Loncoln.
**Wara l-1291:** Intbagħat mill-ġdid f'Pariġi biex ikompli l-istudji, bit-tħejjija għall-maġisteru fit-teoliġija fejn dam jistudja sa l-1296.
**Fis-sena 1303:** Kien Pariġi, fejn ikkumenta l-Liber Sententiarum ta' Pietru Lombardo bħala baċċillier.
**Fl-1305:** Ta' 39 sena Duns Skotu ġie ddikjarat Majjistru fit-Teoloġija.
**Bejn 1306 u 1307:** Bdew iqumu diskussjonijiet kbar fl-Università ta' Pariġi għal dak li Skotu beda jgħallem dwar tnissil bla tebgħa ta' Marija.

Ġwanni Duns Skotu beda t-triq twila u iebsa biex lil Marija l-Omm t'Alla tingħata l-ġieħ ta' l-Immakulata, imnissla mingħajr id-dnub oriġinali. Tul id-diskussjonijiet ma' ditturi, teoloġi, studjużi tal-knisja, Duns Skotu deher bħal gwerrier favur Marija tant li bl-argumenti tiegħu mhux biss ikkonvinċihom imma qanqal fihom imħabba lejn il-Verġni Marija Immakulata. Kien pass importanti biex il-Knisja tqim iżjed lil Marija Immakulata. Issa t-tgħalim fuq l-Immakulata qabad sewwa. Issa l-Franġiskani sar difensuri kbar tagħha. Skotu baqa' dejjem id-dawl tagħhom. Il-Papa Franġiskan Konventwal Sistu IV ma ppermettiex li jitkellmu iżjed fil-beraħ kontra l-Immakulata. Iżda l-akbar mument fl-istorja tal-knisja seħħ nhar it-8 ta' Diċembru 1854, meta il-Papa Piju IX, iddikjara bħala domma tal-fidi li t-tnissil ta' Marija kien bla tebgħa ta' dnub. Imbagħad, Marija, erba' snin wara, nhar il-25 ta' Marzu 1858, liċ-ċkejkna Bernardette ġewwa Lourdes qaltilha:

*"Jiena jien l-Immakulata Kunċizzjoni"*

**Fit-8 ta' Novembru 1308:** Duns Skotu miet f'Koln fl-eta ta' 43 sena u baqa' magħruf bħala d-Duttur Sottili u Duttur ta' l-Immakulata.
Il-Papa Ġwanni Pawlu II taħ it-titlu ta' "Torri tal-Fidi". Titlu jixraqlu tassew.
**Fl-20 ta' Marzu 1993:** Il-Papa Ġwanni Pawlu II, waqt għasar solenni f'San Pietru, ħabbar solennement li l-qima lejn Ġwanni Duns Skotu bħala Beatu ġiet ikkonfermata. Għalhekk, wara 685 sena, il-Franġiskani jistgħu jiċċelebraw il-quddiesa u jirreċtaw l-Uffiċju Divin f'ġieħ dan il-Beatu.



Jixraq li din il-bijografija ċkejkna ta' dan wieħed mill-akbar għorrief li qatt kellha l-Knisja, nagħalquha b'talba li l-Franiskani Konventwali ta' Malta xerrdu fost il-poplu fuq santi li tqassmu fl-okkażjoni ta' l-approvazzjoni uffiċjali tal-Knisja għat-titlu ta' "Beatu" li jistħoqq lil Ġwanni Dun Skotu:

***"Sliem għalik, li għext it-twemmin nisrani u għallimtu lilna.***
***Sliem għalik, Difensur ta' Marija Immakulata li għamlitek denn li tfaħħarha.***
***Kun għalina ta' dawl biex ngħixu dak li nemmnu"***

*Tagħrif miġbur minn Stephen Spiteri.*

***Referenzi:***
*Mill-ktieb "Franġiskani Veri" Ħajjet ta' qaddisin Franġiskani b'messaġġ għal żmiena ta' Patri Noel Muscat O.F.M.*
*Mill-ktieb "Beatu Ġwanni Duns Skotu" sensiela Reliġjon u Ħajja ta' Patri Alexander B*